# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru : 12**
**Rikors Guramentat Numru : 1136/2016/LSO**

**Mariah Attard Cassar (K.I. 249198M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Mariah Attard Cassar, detentrici tal-Karta tal-Identita` Nru. 249198M datat 15 ta' Dicembru 2016 fejn esponiet: -

Illi l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, Malta bin-numru 2491 tas-sena 1998 l-isem taghha, fil-kolonna "Ismijiet moghtijin", huwa mnizzel bhala "Mariah", kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid mahrug mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku anness u mmarkat bhala "Dok. A";

Illi sa minn ckunita, ir-rikorrenti dejjem kienet maghrufa bl-isem ta' "Miah" kemm fost il-familja u kemm fost il-hbieb u l-konoxxenzi taghha;

Illi *di piu`,* l-isem ta' "Miah" huwa l-isem li l-istess rikorrenti tuza ghaliha u li jigi uzat ghaliha mill-familja, hbieb u l-konoxxenzi taghha, u r-rikorrenti kienet konsistentement imsejha bl-isem ta' "Miah" kif jirrizulta mill-"baby book", *autograph book* tal-iskola u kartolini li kopji taghhom se jigu esebiti u kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi tali inkonsistenza qed tikkawza diffikultajiet prattici u procedurali ghar-rikorrenti;

Illi r-rikorrenti tixtieq li ssir korrezzjoni tal-att tat-twelid taghha b'mod illi minflok l-intestatura "Mariah" taht il-parti "Ismijiet Moghtijin" titnizzel biss l-intestatura "Miah";

Illi din il-kawza qed issir a bazi tal-Artikolu 253(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, ir-rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna, jogghobha:-

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti kienet konsistentement imsejha u hija maghrufa bl-isem ta' "Miah";

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet necessarji fuq l-Att tat-Twelid bin-numru 2491 tas-sena 1998 sabiex f' dik il-kolonna intestata "Ismijiet moghtijin", l-isem ta' "Mariah" jigi kkancellat u sostitwit bl-isem ta' "Miah" u li din il-korrezzjoni tiehu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita' tar-rikorrenti;

3. Tordna illi dan il-bdil fl-Att tat-Twelid tal-attrici jigi rifless ukoll f' kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti *a tenur* ta' l-Artikolu 253 (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li d-Diretur intimat jaghmel il-modifiki opportuni;

Bl-ispejjez kontra d-Direttur Intimat, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Frar 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 13 ta' Frar 2017 (fol 71) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-termini ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekori;

2. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent umilment jirrileva illi d-dokument tal-Att tat-Twelid anness mar-rikors guramentat ma huwiex bizzejjed sabiex jipprova li l-isem tar-rikorrenti huwa maghruf bhala 'Miah' hekk kif proprju jezigi l-Artikolu 253 sub-inciz 2 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk huwa essenzjali li r-rikorrenti ghandha tipprezenta iktar provi u/jew tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew affidavits ta' familjari, hbieb u konoxxenzi tar-rikorrenti li ghandhom isahhu l-pozizzjoni tar-rikorrenti, ossia li tul hajjitha din kienet konsistentament msejha bhala 'Miah' u mhux 'Mariah';

4. Illi *di piu'* minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m' ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti *stante* li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, kien proprju missier ir-rikorrenti David Attard li kien iddikjara l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, inkluz l-isem tar-rikorrenti, u ghal dawn il-fini huwa stess kien iffirma l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant,

galadarba s-Sur David Attard, id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid, accetta l-informazzjoni inserita minnu fl-Att u kkonferma illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma tieghu, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u *stante* dan, l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

5. Illi minghajr preguddizzju, ir-rikorrenti qed titlob illi barra li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru progressiv ta' 2491 tas-sena 1998, ghandha ssir ukoll korrezzjoni fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita' taghha. Illi sabiex ikun hemm tali tibdil f' kull att iehor tal-istat civili *a tenur* tal-Artikolu 253 sub-inciz 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ghandha tispecifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat civili li hija qieghda taghmel riferenza ghalihom;

6. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni, huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

7. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti l-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-vebral tas-seduta tat-Tlieta 4 ta' April fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri. Id-difensuri qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Mejju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fid-19 ta' Dicembru 2016 (fol 7) u b'hekk it-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob, li isimha kif registrat fl-att tat-twelid, jigi korrett, billi l-isem "Mariah" jigi kkancellat u sostitwit bl-isem ta' "Miah".

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem “Miah”, ghal dan il-ghan, esebiet kopja tal-karta tal-identita` taghha fejn hija registrata bl-isem Mariah k/a Miah. *Di piu`*, hija esebiet sensiela ta’ dokumenti konsistenti f’ittri, u kartolini ta’ hbieb, li juru li sa minn tfulitha kienet maghrufa bhala “Miah”.

Inoltre`, r-rikorrenti xehdet b’affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament, li sa minn tfulitha dejjem kienet imsejha bl-isem “Miah”. Dan hu kkorroborat bix-xhieda ta' ommha, Isabella Attard Cassar fl-affidavit taghha esebit in atti u mix-xhieda l-ohra li wkoll ghamlu affidavit.

Illi fid-dawl ta’ dawn l-affidavits u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li hija konsistentement maghrufa sa minn tfulitha bl-isem “Miah” u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, iffirmat minn missier ir-rikorrenti.Ghalhekk, taqbel li l-intimat m’ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta’ dan il-kaz.

Referibbilment ghat-tielet talba din ma saritx fit-termini tal-artikolu 253(3) tal-Kap 16, tilqa’ l-hames eccezzjoni tad-Direttur intimat, u peress li l-atti l-ohra tal-istat civili mhumiex indikati bin-numru u bis-sena a tenur tal-istess subinciz tal-artikolu sucitat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri, sabiex izzomm ferm id-drittijiet tar-rikorrenti li

terga' tirrikorri in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f'atti ohra, jekk ikun il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, u tiddikjara li hija kienet konsistentement maghrufa bl-isem "Miah" u mhux "Mariah", kwindi tordna lill-intimat sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tar-rikorrenti numru 2491 tas-sena 1998 b'mod li minflok l-intestatura "Mariah" taht il-kolonna "Isem/ismijiet li t-tarbija ghandha tigi msejha", dan jigi sostitwit bl-isem "Miah".

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**2 ta' Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Mejju 2017**